MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 2437/2000/1

**Eden Leisure Group Limited**

**vs**

**Mario Fenech**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta’ attrici ippremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ Lm1101.58 (elf mija u lira maltin u tmienja u hamsin centezmu) rappresentanti prezz ta’ reklamar provdut mis-socjeta’ attrici lill-konvenut fuq Bay Radio (statement anness u mmarkat dok B);

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont imsemmi izda baqa inadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa cert likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta’ artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti nomine qed jannetti ma dan l-att affidavit (Dok A) a tenur tal-istess artikoli;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandiex:-

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tiddikjara il-konvenut debitur tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ Lm1101.58 (elf mija u lira maltin u tmienja u hamsin centemzu) rappresentanti ammont dovut ghall-servizzi ta’ reklamar rezi lill-istess konvenut;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk dovut;

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Frar 2000 u bl-imghax legali mil-31 ta’ Ottubru 1999 data ta’ l-ahhar invoice kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur naqas mill-obbligu kontrattali tieghu mal-konvenut arbittrarjament u minghajr ebda raguni valida b’risultat ta’ danni ghall-konvenut u dan kif dedotta fit-talba rikonvenzjonali;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontro–talba tal-konvenut fejn gie premess :-

Illi l-konvenut kien lahaq ftehim ta’ programm ta’ reklamar ma’ l-attur tul il-periodu tal-Milied tas-sena 1999;

Illi l-konvenut l-esponenti kien klijent regolari ta’ l-attur u l-kontijiet tar-reklamar kien jithallas periodikament, dana anke in vista tar-relazzjoni kummercjali li kien jezisti bejniethom;

Illi ghall-habta ta’ l-bidu ta’ Dicembru 1999, l-attur ghal ebda raguni, kien ikkomunika ma’ l-konvenut dwar il-bilanc pendenti u talbu hlas imedjat tal-bilanc intier minkejja li kien hemm modalita’ ta’ hlas li qatt ma gie ikkontestat jew varjat qabel tali komunikazzjoni;

Illi attur arbitrarjament, abusivament u minghajr ebda raguni valida qabad u waqqaf il-programm ta’ reklamar programmat ghal tul il-periodu festiv;

Illi bhala risultat ta’ tali azzjoni jew decizjoni da parti ta’ l-attur, l-konvenut sofra danni;

Ghalhekk il-konvenut talab li s-socjeta attrici tghid ghaliex m’ghandiex din il-Qorti :-

tiddikjarha responsabbli ghall-konsegwenzi ossia danni risultanti d-decizjonijiet jew azzjoni fejn twaqqaf ir-reklamar ordnat mill-konvenut;

tillikwida d-danni sofferti okkorrendo b’ opera ta’ periti nominandi;

tikkundanna lis-socjeta attrici thallas dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta’ danni;

Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-attur li gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici ghall-kontro–talba tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi it-talbiet tal-konvenut fil-kontro talba tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut peress illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi il-konvenut ma sofra ebda danni minhabba il-kancellament tar-reklamar li ghamlet is-socjeta’ attrici liema agir l-istess socjeta’ attrici kienet kostretta taghmlu billi l-istess konvenut, ma onorax l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt precedenti relatat ma kampanja ta’ reklamar ohra li hija il-mertu tal-kawza intavolata mis-socjeta’ attrici;

3. Illi skond l-istess kuntratt, kopja annessa u mmarkata dok ELG 1, il-konvenut kien marbut li jhallas ghar-reklamar, fi zmien tletin gurnata mid-data tal-invoice, u ma kienet tezisti ebda modalita’ ta’ pagament ohra kif qed jallega il-konvenut. U il-konvenut minkejja li kienu jintbaghtulu invoices perjodikament huwa naqas milli jhallas fit-terminu li jistipula il-kuntratt, u kif jidher mill-istatement anness mac-citazzjoni ( dok B ), l-ewwel invoice mhux imhallsa tirrisali ghall-5 ta’ Lulju 1999;

4. Illi il-konvenut, minkejja li gie mitlub diversi drabi sabiex jonora il-ftehim u jhallas, hu baqa dejjem inadempjenti;

5. Illi kuntrarju ghall dak allegat mill-konvenut, is-socjeta’ attrici kienet ilha zmien twil tghid lill-konvenut sabiex jhallas dak li huwa dovut minnu skond l-ewwel kuntratt, u li fin-nuqqas kienet ser tikkancella il-kuntratt li dwaru saret il-kontro talba odjerna;

6. Illi, il-konvenut ghall-habta ta’ Novembru 1999, wara diversi talbiet sabiex huwa jhallas il-bilanc ta’ Lm 1101.58 (elf mija u lira maltin u tmienja u hamsin centezmu), mitlub fil-kawza, huwa hallas biss l-ammont Lm 300 bi tlett cekkijiet post dated, li kellhom jissarfu wiehed fl-1 ta’

Jannar 2000, iehor fl-1 ta' Frar 2000 u iehor fl-1 ta' Marzu 2000, (kopja anness Dok ELG 2) u malli is-socjeta' attrici iddepositat l-ewwel cekk, dan gie lura bir-rimarki 'r/drawer';

7. Illi ghalhekk il-konvenut ma seta b'ebda mod jippretendi li is-socjeta' attrici tibqa' ghaddejja bil-kampanja tal-Milied ghax kieku sar hekk, id-differenza kienet tkun biss dik li l-ammont minnha pretiz fic-citazzjoni jkun wiehed akbar;
Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici u lill-konvenut;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2005;

Ikkonsidrat :

Is-socjeta' attrici tippretendi li l-konvenut huwa debitur taghha fis-somma ta' elf mija u lira maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1101.58) rappresentanti il-prezz ta' reklamar provdut fuq inkarigu u fl-interess tal-istess konvenut;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li s-socjeta attrici naqset milli toqod ghall-obbligi kontrattwali minnha assunti u dana minghajr raguni valida. Il-konvenut jippretendi li b'risultat ta' dan l-agir tas-socjeta attrici huwa sofra danni tant li huwa ghamel talba rikonvenzjonali kontra s-socjeta attrici;

F'din il-kontro-talba tieghu l-konvenut jippremetti li bejnu u s-socjeta attrici kien hemm ftehim sabiex isir reklamar fil-periodu tal-Milied tal-1999. Fil-bidu ta' Dicembru 1999 is-socjeta attrici, irregolarment u mhux skond il-ftehim, talbet xi hlasijiet minnghand il-konvenut u konsegwentement l-istess socjeta attrici arbitrarjament waqfet ir-reklamar.

Minhabba dan l-agir abusiv da parti tas-socjeta attrici l-konvenut jallega li sofra danni u ghalhekk qed jitlob li jigu likwidati dawn id-danni u li s-socjeta attrici tigi kundannata thallas l-istess danni likwidati;

Ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut is-socjeta' attrici teccepixxi li l-konvenut ma sofra ebda danni minhabba il-kancellament tar-reklamar. Is-socjeta attrici kienet kostretta li thassar ir-reklami billi kien il-konvenut li ma onorax l-obbligi tieghu, billi ma hallax ghar-reklami li kienu gia saru skond il-ftehim relattiv;

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti. L-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut ghndhom jigu rigettati peress li ma gewx pruvati;

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut, li jiggestixxi negozju fil-Hamrun, kien ghamel sensiela ta' reklami dwar l-imsemmi negozju fuq l-istazjon tar-radju tas-socjeta attrici. Sussegwentement, u in partikolari f'Awissu tal-1999, il-konvenut beda jhejji biex jghamel kampanja ta' reklamar fuq l-istess radju ghal Milied tal-istess sena. Skond il-konvenut l-ordnijiet ghar-rigward ta' din il-kampanja gew konfermati mir-radju tas-socjeta attrici. Xi gimghat qabel ma bidet l-imsemmija kampanja ta' reklamar xi hadd mir-radju in kwestjoni infurmah li huwa kellu jissalda il-bilanc li kien ghadu dovut lill-istess radju ghar-riklami precedenti u fin-nuqqas ir-reklami l-godda ma kinux ser jigu mxandra. In effett il-konvenut kien gie mitlub ihallas l-ammont li huwa in kwestjoni f'din il-kawza;

Il-konvenut jammetti li dan l-ammont huwa baqa ma hallsux u ghadu mhux imhallas sallum peress li huwa jippretendi li sofra danni minhabba li l-istazzjon tas-socjeta attrici rrifjutat li tohrog ir-reklami kif ordnat. Jirrizulta li s-socjeta attrici kienet gustifikata li l-ewwel tippretendi li jsir il-hlas tal-bilanc li kien ghadu pendenti u kienet gustifikata ukoll li ma xxandarx il-reklami fl-imsemmija kampanja tal-Milied 1999. F'dan ir-rigward il-konvenut stess ikkonferma li kellu jghati l-ammont in kwestjoni f'din il-kawza u jammetti ukoll li ghar-rigward tar-reklamar ghal-Milied

1999 il-kuntatti ma sarux minnu direttament mar-radju tas-socjeta attrici izda tramite terzi. Dawn it-terzi ma gewx prodotti biex jixhdu. Barra minn hekk jirrizulta li wara l-Milied tal-1999 il-konvenut baghat tliet (3) cekkijiet ta Lm100 il-wiehed li kienu jkopru biss ammont zghir mill-bilanc kollu dovut u inoltre l-istess cekkijiet lanqas ma ssarfu;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad ukoll it-talbiet kollha kif kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf mija u lira maltin u tmienja u hamsin centemzu (Lm1101.58) rappresentanti ammont dovut ghall-servizzi ta’ reklamar rezi lill-istess konvenut u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mill-31 ta’ Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------